# EŻAMI TAL- JUNIOR LYCEUM 2002
# RELIĠJON - SKEMA TA' MARKI

**A.** ***(10 marki)***

1. **Fl-Atti ta' l-Appostli.**
2. **Fl-10 ta' Frar.**
3. **Għax ma mietx bil-velenu.**
4. **Il-gvernatur tal-gżira.**
5. **Għax rah ifejjaq lil missieru.**
6. **Fejjaq il-morda tal-gżira.**
7. **Tawhom kulma kellhom bżonn għall-vjaġġ.**
8. **Tliet xhur.**
9. **San Pawl il-Baħar / San Pawl Milqgħi / il-Gżejjer ta' San Pawl / Selmun / il-Grotta ta' San Pawl, ir-Rabat.**
10. **Għax Malta saret nisranija / Beda l-Kristjaneżmu f'Malta.**

**B.** ***(10 marki)***

1. Semmi tliet affarijiet li fihom tara l-kobor ta' Alla fil-ħolqien**.** (3 marki)
   **Marka waħda għal kull ħolqien imsemmi. Kull ma hu maħluq minn Alla għandu jitqies bħala tweġiba tajba.**

2. Ikteb sentenza biex tfaħħar lil Alla ta' tliet affarijiet **OĦRA** sbieħ li Hu ħalaq. (3 marki)
   **Importanti li: ma jkunx hemm ripetizzjoni tal- ħolqien imsemmi fit-tweġiba ta' qabel.**
   **jkun hemm idea ta' tifħir lil Alla.**
   **E.g.** ***Kemm hu sabiħ Alla għax ħalaq il-fjuri, ix-xmajjar u l-bnedmin.***

3. a) Agħti żewġ eżempji biex turi li Alla jħobbok. (2 marki)
   **L-eżempji jistgħu ikunu:**
   **<u>personali</u> e.g.** ***fejjaq lil missieri,*** **jew**
   **<u>ġenerali</u>, e.g. bagħat lil Ġesù biex isalvana / tana l-baħar eċċ.**
   **Marka għal kull eżempju.**

   b) Ikteb talba biex tirringrazzja lil Alla tagħhom. (2 marki)
   **Żewġ marki għal t<u>alba ta' ringrazzjament</u>. Fejn ikun hemm xi element nieqes marka waħda. E.g.** ***Grazzi Sinjur Alla.***

**Ċ.** ***(10 marki)***

Il-Verġni **<u>Marija</u>** hi l-Omm ta' **<u>Ġesù</u>**. Hija kienet toqgħod f'belt żgħira jisimha **<u>Nażaret</u>**. Kienet mgħarsa ma' raġel sewwa jismu **<u>Ġużeppi</u>**.

L-Anġlu **<u>Gabriel</u>** dehrilha u qalilha, "Is-sliem għalik, mimlija bil-grazzja, **<u>il-Mulej</u>** miegħek." Imbagħad qalilha li kellha ssir Omm Ġesù. Marija tħasbet x'seta' jfisser dan. Qatt ma stenniet aħbar bħal dik.

"M'għandekx għalfejn **<u>tibża'</u>**. **<u>L-Ispirtu s-Santu</u>** jiġi fuqek. It-tifel tiegħek ser ikun **<u>il-Messija</u>**."

"Hawn jien il-**<u>qaddejja</u>** tal-Mulej," wieġbet Marija, "Ikun minni skond kelmtek.".

**D.** *(10 marki)*

1. **Nippruvaw nifhmuhom**
2. **Biex nitgħallmu t-tagħlim ta' Ġesù.**
3. **Fil-Għid.**
4. **Għax irridu nitkellmu ma' Alla u nuruh li nħobbuh.**
5. **Hawn irridu naċċettaw il-kreativita' tal-kandidat. Kull tweġiba relatata mat-talb hi tajba.**
6. **Kompli din it-talba li ngħidu fil-quddiesa: "Bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu, jingħata lilek Alla Missier li tista' kollox, flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, kull ġieħ u glorja għal dejjem ta' dejjem. Amen."**
7. **Qabel il-'Missierna'.**
8. **Ġesu' hu l-pont li jgħaqqadna mal-Missier.**
9. **Aħna nistgħu nersqu jew immorru għand Alla permezz ta' Ġesù / Ġesù iwassal it-talb tagħna / jew Ġesù jaqbeż għalina…**
10. **Importanti li tkun talba lil Missier għall-paċi fil-Palestina / Iżrael.**
    **Talba bħal *Sultana tal-Paċi, itlob għalina mhix aċċettata.***

**E.** *(10 marki)*

1. **Qrar**
2. **Tqarbin**
3. **Grizma tal-Isqof**
4. **Magħmudija**
5. **Ordni Sagri**
6. **Qrar**
7. **Sagrament tal-Morda**
8. **Żwieġ**
9. **Magħmudija**
10. **Qrar**

**F.**

*(10 marki)*

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | **Fil-bidu tal-quddiesa** | **10** | ngħidu t-talba li għallimna Ġesù. |
| 2. | Bil-kant tal-Glorja | 11 | nirċievu lil Ġesù fina. |
| 3. | Fl-Ewwel Qari | 8 | nressqu quddiem Alla l-ħobż u l-inbid. |
| 4. | Fis-Salm Responsorjali | 6 | nisimgħu l-Aħbar it-Tajba ta' Ġesù. |
| 5. | Fit-Tieni Qari | 4 | nfaħħru lil Alla bil-kant tas-Salmi. |
| 6. | Fil-Vanġelu | 7 | nistqarru l-fidi tagħna. |
| 7. | Fil-Kredu | 2 | nfaħħru lil Alla fi Tliet Persuni. |
| 8. | Fl-Offertorju | 5 | nisimgħu silta mill-ittri ta' l-Appostli. |
| 9. | Fil-Konsagrazzjoni | 9 | l-ħobż u l-inbid jinbidlu f'Ġesù. |
| 10. | Fil-Missierna | 1 | **nitolbu maħfra ta' dnubietna.** |
| 11. | Fit-Tqarbin | 3 | nisimgħu silta mir-Rabta l-Qadima. |

**Ġ.** *(10 marki)*

**Jien hu Alla sidek**

1. **Ma jkollokx Alla ieħor għajri.**
2. **La ssemmix l-isem t'Alla fil-batal.**
3. **Ħares il-Ħdud u l-festi.**
4. **Weġġaħ lil missierek u 'l ommok.**
5. **La toqtolx.**
6. **La tiżnix.**
7. **La tisraqx.**
8. **La tixhidx ħaġa b'oħra.**

9. **La tixtieqx nisa ta' l-oħrajn.**
10. **La tixtieqx ħwejjeġ ta' l-oħrajn.**

**G.** ***(10 marki)***

| | | |
|---|---|---|
| 1. | James qatt ma jagħmel ħsara fl-affarijiet ta' ħaddieħor. | **7** |
| 2. | Ġorġ dejjem jgħid il-verità. | **8** |
| 3. | Peter qatt ma jiġġieled ma' sħabu tal-klassi. | **5** |
| 4. | Ruth tirrispetta lill-għalliema. | **4** |
| 5. | Julie tgħid talba f'qalbha meta tisma' lil xi ħadd jidgħi. | **2** |
| 6. | Mark ma jitkellimx fuq id-difetti tan-nies. | **8** |
| 7. | Steve jgħin lil ommu fid-dar. | **4** |
| 8. | Carl jitfi t-televixin meta jkun hemm xi film pastaż. | **6** |
| 9. | John imur iżur il-morda nhar ta' Ħadd u fil-festi. | **3** |
| 10. | Joan tħares l-ambjent għas-saħħa tal-bniedem. | **5** |

**GĦ.** ***(10 marki)***

1. **Il-Ġimgħa l-Kbira**
2. **Avvent**
3. **Randan**
4. **L-Għid il-Kbir**
5. **Santa Marija (Assunta)**
6. **L-Immakulata Kunċizzjoni**
7. **Pentekoste**
8. **Kristu Re**
9. **Epifanija / Re Maġi**
10. **Lapsi (Axxensjoni)**

**H.** ***(10 marki)***

1. **Ġesù / Kristu / l-Iben ta' Alla / l-Iben tal-Missier / it-Tieni Persuna / it-2 persuna tat-Trinità.**
2. **Tiġi s-saltna ta' Alla / Kulħadd jobdi (jħobb, jadura eċċ) lil Alla**
3. **L-ikel tagħna,/ l-għixien tagħna / ix-xogħol, jipprovdilna**
4. **Lil min sawwatna / offendiena eċċ.**
5. **Bla dnub / kollha qaddisa / qaddisa kbira**
6. **Mill-ħolqien / minn dejjem**
7. **Alla ħalaq kollox**
8. **Mxerda mad-dinja**
9. **Taqbeż għalina / Tiddifendina**
10. **ġo fija / ġo qalbi / ġo ruħi / fid-dar tiegħi**